**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 16 ta' Frar 2023**

**<u>Rikors nru : 61/2022 fl-ismijiet;</u>**

**JD**

**vs**

**Dr Joseph Brincat u PL Nadine Farrugia bhala kuraturi sabiex jirraprezentaw l-assenti AJ D S** b' digriet tal- 21 ta' Gunju 2022

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors guramentat** ta' JD **datat 17 ta' Marzu 2022;**
**Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma:-**

**1)** Il-kontendenti kellhom relazzjoni illi llum spiccat, u minn din ir-relazzjoni twieled tifel wiehed, TA S nhar l-20 ta' April 2010;

**2)** Illi r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti spiccat u l-partijiet iffirmaw kuntratt sabiex jigu rregolati l-aspetti kollha tal-hajja tat-tifel minuri taghhom, T , liema kuntratt gie ppubblikat fl-atti tan-nutar Sharon Faith Farrugia fis-26 ta' Settembru tas-sena 2019 hawn anness u mmarkat **DOK A**.

**3)** Illi wara li spiccat r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti, l-intimat kien ghal bicca l-kbira assenti mill-hajja tat-tifel minuri sakemm huwa telaq minn Malta ghal kollox fit-2 ta' Dicembru 2021.

**4)** Illi l-esponent ghandu diversi tfal minn diversi ommijiet. Sabiex huwa javzahom illi hu kien ser jitlaq mill-pajjiz, huwa krea *chat* fuq WhatsApp fejn informa lit-tlett ommijiet illi huwa kien ha jitlaq mill-pajjiz b'mod iminenti u b'mod permanenti.

**5)** Illi l-esponenti kull ma taf huwa dak illi hi giet infurmata bih permezz ta' dan il-messagg, u cioe illi huwa kien ha jmur jghix, u ormai jghix gewwa l-Canada, u minn dak illi jsir jaf mit-tifel tal-partijiet. Ghalhekk, kontestwalment ma dan ir-rikors guramentat, l-esponenti ntavolat rikors ghal hatra ta' kuraturi sabiex jirrapprezenawh fl-assenza tieghu.

**6)** Illi l-esponenti temmen illi jkun ghaqli fic-cirkostanzi illi l-kura u kustodja, illi giet fdata konguntivament f'idejn il-partijiet bis-sahha tal-kuntratt hawnfuq imsemmi, tigi ormai fdata f'idejha esklussivament sabiex hi tkun tista tamministra l-hajja ta' binha minghajr xkiel u telfien ta' zmien.

7) Illi l-esponenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi bil-kawza odjerna bis-sahha ta' digriet datat 21 Jannar 2022 liema digriet huwa hawn anness u mmarkat **DOK B**.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, previa kull provvediment iehor li l-Qorti jidhrilha huwa xieraq u opportun fic-cirkostanzi, joghgobha:-

**i.** Tvarja l-kuntratt hawn fuq imsemmi data s-26 ta' Settembru 2019 ossia l-klawzola numru '3a' ta' l-istess u tordna minflokk illi l-kura u kustodja tat-tifel minuri tigi fdata lill-attrici;

**ii.** Tvarja l-kuntratt hawn fuq imsemmi data s-26 ta' Settembru 2019 ossia l-klawzola numru '3h' ta' l-istess sabiex tkun l-esponenti illi tiehu d-decizjonijiet kollha relatati mas-sahha u edukazzjoni tat-tifel minuri;

**iii.** Tvarja l-kuntratt hawn fuq imsemmi data s-26 ta' Settembru 2019 ossia l-klawzola numru '3b' billi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici retta alimentarja xierqa u adegwata izda ghola minn dak imsemmi fl-istess kuntratt ghall-htigjijiet tal-imsemmija minuri li tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-istess minuri, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti u dan in vista tal-assenza totali tal-intimat;

**iv.** Tordna illi l-manteniment illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tillikwidha jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja;

**v.** Tordna illi l-manteniment hekk likwidat jithallas lill-attrici direttament mill-paga tal-konvenut;

Il-Qorti

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-assenti AJDS datata 27 ta' Settembru 2022;

Jesponu bir-rispett;

Fl-ewwel lok l-eccezzjonijiet:

Illi fil-fatt fic-cirkostanzi l-omm biex issolvi l-problema taghha ghandha kollha s-setgha tal-genituri, jew patria potesta`, wahidha u mhux tinvolvi lil missier u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, skont l-Artiklu 154(2) tal-Kodici Civili. U dan kemm il-darba jkunu ppruvati c-cirkostanzi msemmija rikors guramentat, m`ghandhomx oggezzi li din it-talba tizdied.

Illi l-Kura u l-kustodja effettivament mhuwiex kuncett li johrog mill-Kodici Civili imma l-kuncett tal-ligi taghna huwa fejn tigi stabbilita r-residenza ta` nuri, fil-waqt li ghar-rappresentanza tal-minuri l-ligi titkellem fuq s-seghta tal-genituri, li tista tintilef. Ghalhekk l-esponenti m`ghandhomx ogezzjoni li l-istess attrici jkollha l-patria potesta` wahidha tal-istess minuri, kemm -il darba jigu pruvati c-cirkostanzi fir-rikors guramentat.

Dikjarazzjoni tal-fatti.

Huma mhux edotti mill-fatti, u l-anqas hu possibbli li jaghmlu kuntatt ta' qed jirrappresentaw, stante li mhux maghruf fejn qed jirrisjedi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-attrici qed titlob varjazzjoni fil-kuntratt ta' kura w kustodja bejnha u l-assenti AJ DS , missier il-minuri TA S , li twieled minn relazzjoni bejn il-partijiet. Di fatti f'Settembru 2019 il-partijiet kienu irregolaw dan kollu permezz ta' kuntratt, izda gara li S sussegwentement telaq minn Malta u l-attrici ma tafx fejn jinstab. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fid-dettall biex tara kif u ghalfejn ir-relazzjoni ta' bejniethom spiccat. Kull ma trid tara l-Qorti huwa jekk it-talbiet ghal varjazzjoni tal-istess kuntratt humiex gustifikati jew le. Peress illi S huwa nieqes minn Malta, hija evidenti li l-attrici ghandha bzonn li l-kura w kustodja tat-tifel tigi fdata esklussivament lilha, sabiex tkun tista' tiffirma hi wehidha kull dokument necessarju ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri.

Mill-provi prodotti mill-attrici, jidher li S ghandu tfal ohra minn terzi. Huwa naqas milli jhallas il-manteniment imsemmifil-kuntratt, u ghalhekk l-attrici qed titlob li dan jigi varjat. Hi esebiet prospett illi juri l-ispejjez mensili li ghandhom jigu koperti permezz ta' revizjoni fil-manteniment. Il-Qorti, wara li rat id-dokumenti esebiti minnha u mhux kontradetti mill-parti l-ohra, hi tal-fehma li l-manteniment ghandu joghla ghal €300 fix-xahar. Illi ghalhekk, it-talbiet kollha attrici ghandhom jintlaqghu, u l-Qorti sejra tawtorizza t-tibdil fil-kuntratt ta' bejn il-partijiet hekk kif mitlub minnha.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Tilqa' t-talbiet attrici.

i. Tvarja l-kuntratt hawn fuq imsemmi datat 26 ta' Settembru 2019 ossia l-klawzola numru '3a' ta' l-istess u tordna minflok illi l-kura u kustodja tat-tifel minuri tigi fdata esklussivament lill-attrici;
ii. Tvarja l-kuntratt hawn fuq imsemmi datat 26 ta' Settembru 2019 ossia l-klawzola numru '3h' ta' l-istess sabiex tkun l-esponenti illi tiehu d-decizjonijiet kollha relatati mas-sahha u edukazzjoni tat-tifel minuri;
iii. Tvarja l-kuntratt hawn fuq imsemmi data s-26 ta' Settembru 2019 ossia l-klawzola numru '3b' billi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici retta alimentarja xierqa u adegwata fis-somma ta' €300.00 skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-istess minuri, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti u dan in vista tal-assenza totali tal-intimat;
iv. Tordna illi l-manteniment hekk likwidat jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja;
v. Tordna illi l-manteniment hekk likwidat jithallas lill-attrici direttament mill-paga tal-konvenut;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati temporanjament mill-attrici, izda rikuperabbli interament mill-konvenut, hekk kif u meta huwa jinstab.

**Imhallef**

**Onor Anthony G Vella**

**Cettina Gauci- Dep Reg**